ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 15 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2013, fis- 6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Ambaxxatrici | Is-Sinjorina Christine Dalli |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Kunsill taz-Zaghzagh
5. Skema ta' l-ETC;
6. Attivitajiet tal-Milied;
7. Progett PPP;
8. Devoluzzjoni;
9. Maratona tar-roti;

10. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. <u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 13 u 14 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu addottati.

Issekonda il-Kunsillier Fenech u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. <u>Taghrif mill-Minuti</u>**

Is-Segretarju talbet lis-Sindku jgħid xi ħaġa dwar il-laqgħa li kellu flimkien mal-Ambaxxatriċi l-Parlament.
Dwar din il-laqgħa s-Sindku flimkien mal-Ambaxxatriċi qalu li din ta' l-aħħar flimkien m'oħrajn ħadu l-Ġurament tal-Ħatra u ġie diskuss leħen iż-żgħażagħ. Qalu wkoll li għaddiet l-Abbozz tal-Liġi biex żgħażagħ minn 16 il-sena l-fuq ikunu jistgħu jivvutaw. L-Ambaxxatriċi se tkun preżenti fil-laqgħat tal-Kunsill iżda filwaqt li tista' tidħol fid-diskussjonijiet, din ma tistax tivvota.

Is-Segretarju qalet li daħlet l-applikazzjoni għand tal-GAL Xlokk fil-ħin nhar il-Ġimgħa li għaddiet.

Is-Segretarju qalet li għada ma rċevietx ir-Rapport Finanzjarju mingħand l-*Accountant*, dan kellu jagħmel x'emendi u jerġa' jibgħatulna. Is-Sur Fenech qal li jeħtieġ nibgħatu *reminder* lis-Sur Caruana għax dan tal-aħħar qed idum wisq biex ilesti x-xogħol. Il-Kunsill qabel.

**3. <u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment bagħatu Memo 2/2013 dwar il-lista l-ġdida tal-Pool tas-Segretarji Eżekuttivi Prospettivi.
Mid-Dipartiment infurmaw li ser isir Seminar Kunsilli Lokali dwar l-Abbozz tal-Pjan għall-Immaniġġjar tal-Iskart 2013-2020., fil-25 ta'

Novembru, 2013. Għal dan is-Seminar attendiet is-Segretarju fejn qalet li tqajmu ħafna punti dwar ir-Regjuni. Ġie mitqal li r-Reguni se jieħdu f'idejhom il-kuntratti kollha tal-Kunsilli, u l-Kunsilli jservu bħala uffiċċini. Is-Segretarju qalet li għandha Rapport fid-dettal dwar dak li ntqal.

Infurmaw ukoll dwar donazzjoni għall-Kampanja l-Istrina – 2013.

Baghatu wkoll dwar Ċelebrazzjoni tal-20 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

ĦAL GĦAXAQ

2. Mill-AKL, fejn al ħ
infurmaw li fis-16 ta' Dicembru, 2013, il-President tal-AKL jixtieq jiltaqa' mas-Sindku u Kunsillieri fl-uffiċċju tal-AKL ġewwa l-Marsa bejn it-8.00 u 8.30pm.
Bagħatu wkoll jinfurmaw dwar suppliment fuq it-*Times of Malta* fejn il-Kunsilli jistghu jirriklamaw x'attivitajiet li jkunu se jagħmlu bla ħlas.

Irċevejna wkoll il-programm dwar il-laqgħa tal-Kunsillieri li ser issir fis-7 ta' Dicembru 2013, id-*Dolmen Resort*. Għal din il-laqgħa ser jattendu is-Sinjuri Rose Agius u Miriam Schembri.

Bagħatu wkoll dwar ftuh uffiċċjali tal-Head Office tal-AKL.

Infurmaw dwar Konferenza dwar l-użu tal-enerġija alternattiva ġewwa l-gżejjer Maltin fit-28 u d-29 ta' Novembru, 2013 li ser tattendi s-Segretarju.

3. Mill-GAL Xlokk irċevejna l-irċevuta tal-Applikazzjoni tal-Miżura 413.A5.

4a plenarja

. Mid-Dipartiment tal-Kriminoloġija stedina għal konferenza fis-6 ta' Diċembru, 2013.

5. Mill-IPSL fejn infurmaw li s-Sur Anthony Mallia ser jibda jirraporta mal-Kunsill bħala ħaddiem addizzjonali mibgħut minnhom.

6. Mingħand ir-Reġjun Nofisnhar, fejn bagħatu l-Minuti ta' l-aħħar laqgħa.

7. Mill-ANSEK, (Assocjazzjoni tas-Segretarji Eżekuttivi) fejn stiednu lill-Kunsill għall-ewwel laqgħa Annwali li ser isir fis-27 ta' Novembru, 2013.

8. Il-Kunsill ircieva żewġ kwotazzjonijiet għas-sejħa li għamel għat-tiżjin tat-toroq tal-Milied:

Għaqdiet Mużikali Santa Marija u San Ġużepp bl-ammont ta' € 850 inkluż il-konsum tad-dawl
Mingħand is-Sur Noel Borg bl-ammont ta' € 1,100 .

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li tintgħażel l-kwotazzjoni tal-Għaqdiet dik ta' € 850.

9. Mingħand l-Għaqda Mużikali San Ġuzepp infurmaw bl-attivitajiet li ser ikollhom huma għall-festi tal-Milied. a

10. Mingħand il-KNPD infurmaw dwar il-Konferenza Nazzjonali – Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilita', fit-3 ta' Diċembru, 2013.

ĦAL GĦAXAQ

11. Mingħand il-Guard & Wardens fejn bagħatu ir-rapport tal-*green wardens*ba13 li l-Kunsill kien ordna biex ikunu assenjati bejn is-7.00pm u nofs-il-lejl. Ir-Rapport ikkonferma li ngħataw żewġ ċitazzjonijiet.
Is-Sindku qal li jixtieq li jerġa' jġib il-*Green Wardens* bejn is-6.00pm u 7.00pm. Il-Kunsill qabel.

12. Mingħand *CommCare Assessment Unit*, dwar is-servizzi li joffru għall-anzjani fil-lokalita'.

13. Irċevejna ittra dwar is-sitwazzjoni fi Triq il-Gardell.

14. Mingħandand il-Klabb tal-Boċċi, fejn qed jipproponu lampi ġodda sabiex jiddawwal il-*pitch*. Saret diskussjoni dwar dan id-dawl minħabba li kien hemm membri tal-Kunsill li jaħsbu li hemm dawl biżżejjed, intqal ukoll li l-membri tal-klabb tal-Boċċi jistgħu japplikaw huma għad-dawl.

15. Mingħand *Paragon Europe*, fejn infurmaw li ser isir diskussjoni dwar l-immaniġġjar tat-trasport fis-27 ta' Novembru, 2013.

16. Mingħand Ms Donna Mallia, fejn infurmat lill-Kunsill li fadlilha 10 ijiem *vacation leave* u talbet sabiex jiġu mġedda għas-sena d-dieħla.

Minħabba li ċerti membri tal-Kunsill jaħsbu li dawn huma ħafna kien hemm min qal li baqa' żmien biżżejjed biex is-Sinjura Mallia tieħu l-*leave* li għandha u tħalli 5 t'ijiem biss għas-sena d-dieħla sa kemm ma jkunx hemm raġunijiet validi.

Is-Sindku qal li fil-bidu tas-sena s-Sinjura Mallia ser issiefer ħmistax il-ġurnata u għaldaqstant dawn il-ġranet se teħodhom fil-bidu tas-sena. Membri oħra qalu li jekk ser issiefer 15 il-ġurnata fil-bidu tista' tħalli l-*leave* iżda jekk le tħalli 5 t'ijiem biss.

17. Mir-Reġjun Nofsinhar fejn bagħatu l-Minuti tal-laqgħa Nru. 46ħtau ħ.

18. Mingħand Maitrise des hauts de France dwar kor li jikkonsisiti fi 30 kantant, fejn qed jinfurmaw li jistgħu jagħmlu kunċert f'Lulju, 2014.

19. Mingħand l-organizzatur tal-programm Ħadd Għalik, fejn infurmaw li l-Għaqdiet u l-Kunsilli Lokali ser ikollhom rokna fil-programm fejn jistgħu jsemmhu attivitajiet li jkunu ser jorganizzaw.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Lid-Dipartiment tal-Artijiet fejn tlabna nformazjoni dwar biċċa art li tinsab fil-Bypass ma genb Gnien il-Kunsill.

ĦAL GĦAXAQ

**4. <u>Kunsill taz-Zaghzagh;</u>**

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sinjura Josette Camilleri li tmexxi Aġenzija Żgħażagħ dwar il-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill qabel li jinħatar Kunsill taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill avviċina lis-Sinjorina Dalli biex jara jekk hiex interessata li ssib żgħażagħ interessati li ikunu membri f'dan il-Kunsill. Is-Sinjorina Dalli laqgħat it-talba u ser tipprova ssib iż-żgħażagħ u tgħaddi isimhom lis-Segretarju biex timtela' l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel.

**5.** **<u>Skema ta' l-ETC</u>**;

Dwar li Skema tal-LEAP s-Segretarju qalet li ma rċeviet xejn sal-llum. Għaldaqstant is-Sindku qal li nistgħu mexxu u napplikaw għal l-Iskema tad-*Disabled* tal-ETC. Is-Segretarju qalet li se tinforma l-ETC biex tibgħat persuni li qegħdin jirreġistraw taħt din l-Iskema sabiex isiru l-intervisti mill-Kunsill u jiġi stabbilit jekk ikunx hemm xi persuna addattata għax-xogħol li hu meħtieġ il-Kunsill.

**6.** **<u>Attivitajiet tal-Milied</u>**;

Saret diskussjoni qasira u ġie konkluż li l-Kunsill jara meta ser isiru l-attivitajiet tal-Għaqdiet fir-Raħal biex l-Kunsill ma jorganizza xejn f'dati li jkunu diġa' ttieħdu minn xi Għaqda oħra.

Ġiet diskussa l-possibilta li minflok *party* it-tfal jitttieħdu fuq ħarġa ic-*cinema* Buġibba. Il-Kunsill qabel li jisponsorja it-trasport għal dawn it-tfal.

Is-Sinjura Schembri qalet li se jiġi organizzat *Cultural Tour*. Il-Kunsill qabel.

Sar qbil ukoll li tiġi organizzata l-ikla tal-anzjani u riċeviment tal-Kunsill fit-28 ta' Diċembru, 2013. Il-lista tal-mistednin tibqa' bħal ta'Jum Ħal Għaxaq.

Ġiet diskussa l-possibilta' li jinstab pesuna biex jilbes ta' *Christmas Father* u jqassam ir-rigali t-tfal id-djar tagħhom. Dan propost isir fit-22 ta' Diċembru, 2013, jekk din l-inizzjattiva issir.

ĦAL GĦAXAQ

7. **Progett PPP**;

Dwar il-progett tal-PPP, is-Sindku qal li se jagħmel laqgħa mad-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali sabiex jiddiskuti l-Iskema tal-PPP u jispjega s-sitwazzjoni li jinsab fiha l-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Issemmiet l-Iskema tal-UIF, fondi li jingħataw mill-MEPA li filwaqt li s-Sindku qal li jixtieq jagħmel xi xogħolijiet b'dawn il-fondi, il-Viċi Sindku qal li dawk huma fondi li kienu se jintużaw biex isiru l-bankini fi Triq Santa Marija. Is-Sindku qal li kienet idea tajba, imma jista' jkun hemm possibilita' li jsir użu differenti bihom. Il-Kunsill ma ħa l-ebda deċiżjoni.

**8**. **Devoluzzjoni**;

Is-Sindku hawnhekk tkellem dwar ix-xelters biex dawn jinfetħu fejn qal li l-Kunsill għandhu l-approvazzjoni biex jiftaħ dawn ix-xelters u jnaddafhom iżda irid ikun hemm membru mid-Dipartiment tal-Artijiet preżenti meta dan ix-xogħol jitwettaq. Il-Kunsill qabel.

**9**. **Maratona tar-roti**;

Il-Kunsillier Schembri qalet li giet avviċinata biex il-Kunsill flimkien ma' Kunsilli oħra tal-madwar isib in-nies biex jipparteċipaw f'maratona tar-roti. Din il-parteċipazzjoni issir bi ħlas minimu w dan jingħata bħala donazzjoni lil Istrina.

Is-Sinjura Schembri kompliet tgħid li din il-maratona proposta li ssir fil-15 ta' Diċembru, 2013, mil-Bajja ta' San Tumas għal Xorb l-Għaġin. In-nies jittieħdu bil-*Coach* fuq is-sit. Dan il-*Coach* ikun sponsorjat mill-Kunsill. Il-persuni li se jieħdu ħsieb il-Maratona se jieħdu ħsieb jqassmu *flyers* lill-pubbliku. Il-Kunsill qabel.

**10**. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**.

a. Is-Sindku qal li biex il-Kunsill jinghat il-Compliance Certificate, il-KPND qed tasiġi li l-Kunsill ikisser bixxa ħajt li jinsab madwar l-istatwa tal-Madonna fil-Bypass ma' Ġnien Kunsill biex persuna li tkun bil-*wheelchair* tkun tista' tgħaddi, Il-Kunsill qabel li dan isir.



b. Il-Kunsillier Fenech staqsa dwar ir-*railing* li kellha issir madwar Ġnien il-Kunsill in-naħa tal-Bypass. Is-Segretarju qalet li kitbet lil *Transport Malta* iżda dawn qed jippretendu li r-*railing* jagħmilha l-Kunsill, kompliet tgħid li hi kitbet lil *Transport Malta* li din ir-*railing* huma jridu jagħmluha. Risposta għada ma rċevietx.

c. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid li jirranġa l-istage u b'dan ġew infurmati l-kumpanija *Faces* li għażlet dan li-istage.

d. Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar jitqassmu karti lir-residenti fejn jiġu nfurati li se jibda jkun hawn il-*Green Wardens* fir-Raħal u l-iskop ta' dawn x'se jkun. Is-Sur Vassallo kompla jgħid li r-residenti jiġu avżati wkoll dwar it-tneħħijja ta' l-iskips. Is-Sindku qal li diġa' għandu ftehim mal-*Greenpak* sabiex isir dan. Il-Kunsill qabel.

e. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak. Il-Kunsill qabel.

f. Is-Sindku qal li se jkellem il-Perit Marvin Ellul dwar Triq il-Ħannieqa minħabba li parti minnha qed iżżomm ħafna ilma. Il-Kunsill qabel

g. Is-Sindku qal li fil-laqgħa tas-Sindki,is-Sur Paul Farrugia, President tar-Reġjun Xlokk qal li l-Kunsilli jistgħu jappuntaw persuna bħala *Project Manager*, din il-persuna tieħu ħsieb l-applikazzjonijiet tal-fondi tal-EU kemm bħala *designer,* Perit u kull ma' jkun meħtieġ. Din il-persuna titħallas perċentaġġ jekk il-Kunsill jibbenefika mill-fondi. Il-Kunsill ma' sab ebda oġġezzjoni.

h. Is-Sur Fenech qal li jekk il-Kunsill ikun se jorganizza x'attivita' hemm kumpaniji li jispeċjalizzaw f'dawn l-attivitajiet li jkunu jistgħu jgħinu lill-Kunsill fl-organizzazzjoni. Il-Kunsill qabel li persuni bħal dawn jiġu avviċinati.

Qal ukoll li l-Attivita' li bi ħsiebu jorganizza l-Kunsill l-aħjar tkun bejn Settembru u Diċembru 2014. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku kellem lil ex-kunsillier Alan Picco, sabiex l-attivita' li nistgħu napplikaw, tinħadem min dak li kien prepara l-istess Alan ftit xhur ilu. Is-sur Picco, tal-informazzjoni kollha, u lest li jagħti daqqa t'id.

i. Is-Sinjura Schembri qalet li se tkompli bil-*Courses tal-Lifelong Learning* u se torganizza diversi korsijiet fosthom tal-*Customer Care u Sign Language*. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

**Aġġornament**

Is-Sindku fid-9.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2013 fis - 7.15pm.

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

Ikkonfermati:- it-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2013, fis-7.15pm